**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 106/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Carmelo Zerafa**

**Illum 21 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Carmelo Zerafa ta' 60 sena iben il-mejjet Carmelo u l-mejta Rosaria xebba Carabott, imwieled Marsaxlokk fit-13 t'Awwissu 1957 u joqgħod ġewwa 27, Galaxy, Triq ic-Cicerun, Marsaxlokk, u detentur ta' karta tal-identità bin-numru 626357M.

Akkużat talli

1. nhar il-5 ta' Novembru 2016, għal ħabta tal-għaxra nieqes kwart ta' filgħodu (9:45) ġewwa Marsaxlokk mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li tqiegħed l-hajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ħebbejt għal Joseph Zerafa u kkaġunajtlu ġrieħi ta' natura gravi, skont ma iċċertifika Dr Juan Ellul Pirotta MD tal-Isptar Mater Dei liema ġrieħi jistgħu jġibu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli fl-istess hin, lok u ċirkostanzi ħebb ghall-imsemmi Joseph Zerafa sabiex jinsulentah, iweġġgħu jew għamillu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli fl-istess hin, lok u ċirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paċi pubbliku b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-artikolu 338(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli fl-istess hin, lok u ċirkostanzi għamilt inġurji jew theddid mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kont ipprovokat, inġurjajt, b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil u/jew persuni oħra u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Joseph Zerafa din il-persuna hawn fuq indikata.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Joseph Zerafa kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata t-28 ta' Marzu 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' rapport tal-pulizija, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali, Dok TF1, dok MZ1, dok TF1, dok MZ1, dok MZ2 li huma sett ta' ritratti, dok MZ3, dok RA1 – dikjarazzjoni li ha l-assistenza legali, dok RA2 – stqarrija tal-imputat,

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil: Spettur Charlotte Curmi, WPS 7 Therese Zerafa, Matthew Zerafa, Joseph Zerafa.

**Ikkunsidrat**

**L-Ispettur Charlotte Curmi** qalet li fil-5 ta' Novembru 2016 kienet giet infurmata li kien hemm argument familjari gewwa Marsaxlokk bejn Carmelo Zerafa u Joseph Zerafa. Kien hemm xi haddiema li keinu qeghdin jagħmlu xi xogħol f'kumpless ta' garaxxijiet u kien

hemm ftehim li jekk ikun hemm xi haġa kull parti trid tinforma minn qabel wahda jew lill-oħra. Carmelo Zerafa niżel flimkien ma' ibnu Daniel Zerafa sabiex jaraw x'qieghed jigri fejn allegatament Carmelo Zerafa kien laqghat lil huh. Meta l-pulizija waslu fuq il-post sabu lil Joseph Zerafa li kellu farret fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu. Matthew Zerafa ikkonferma l-istess haga u cioe' li missieru kien qala daqqa ta' hadida. Meta l-imputat kien gie arrestat huwa ma kienx ammetta li kien ta xi daqqa lil huh izda li kien rah diga bid-demm.

F'seduta tat-2 ta' Mejju esebiet l-istqarrija tal-imputat kif ukoll dikjarazzjoni li assistenza legali.

**WPS 7 Therese Farrugia** kienet giet infurmata li kien hemm glieda gewwa triq Gulino Maniskalko f'Marsaxlokk. Hija kienet kelmet l-ewwel lil Matthew Zerafa fejn qallha li fuq il-post kien hemm Daniel Zerafa u xi haddiema fejn huma ghandhom sehem minn dan il-post. Huwa mar ikellem lil Daniel sabiex jinfurmah li qabel ikun hemm xi xoghol iridi jaccetta kulhadd. Xi hin nizel fuq il-post Joseph Zerafa u komplew jargumentaw bil-kliem u ftit wara nizel fuq il-post Carmelo Zerafa fejn skont Matthew Zerafa rah jaqbad flat bar u jaghti daqqa fid-direzzjoni ta' Joseph Zerafa. Joseph Zerafa wkoll gie mitkellem fejn minn naha tieghu qal li kien sema l-istorbju u beda jitkellem ma' Daniel. F'hin minnhom hass daqqa gejja minn naha ta' wara u kif mess wiccu ra li kien bid-demm. Carmel Zerafa wkoll gie mitkellem dak il-hin sabiex tiehu l-verzjoni tieghu fejn huwa stqarr li t-tifel tieghu kien ċempillu u meta mar sab lil Joseph u lil Matthew jargumentaw mat-tifel tieghu u dahal iferraq. Meta mistoqsi dwar id-dmija li kellu fuq il-flok u fuq id-demm ta' huh huwa qal li ma kienx jaf minn fejn gie. Illi meta kelmet lil Daniel Mercieca qal li hu kien ma' haddiema sabiex iwahhlu CCTV u f'hin minnhom gew fuqhu kemm Matthew u missieru Joseph Zerafa u spiccaw jhedduh u f'ebda hin ma qallhom xi haga u lanqas biss kien ra lil missieru b'din il-flat bar.

**Matthew Zerafa** xehed u qal li fil- 5 ta' Novembru 2016 għal ħabta tad-disgħa ta' filgħodu kien għaddej bil-vann ra fil-garaxxijiet li huma propjetà tagħhom u tal-imputat ra li kienu qeghdin isiru xi xogħolijiet. Meta mar ikellem lil kuġin tiegħu u cioè lil Daniel Zerafa qallu li ma setax jaghmel xejn fihom jekk mhux bil-kunsens ta' xulxin. Meta kien hemm argument bejniethom xi hin nizel missieru Joseph Zerafa. Daniel cempel lil missieru u cioe' l-imputat u nizel fid-direzzjoni fejn hemm il-garaxijiet. Meta z-ziju tieghu nizel

gewwa l-garage rah jitbaxxa u jaqbad flat bar mill-art u dahar mal-vann u xkanah minn quddiemu u mar lejn Joseph Zerafa u jxejjer daqqa fid-direzzjoni ta' missieru u spicca b'ferita kbira fuq mohhu. Wara dan kollu hareg il-bbar u hu hareg warajh u minn hemm qabad il-mobile u beda jirrekordja kollox. Kien hemm filmat li ha fejn instema l-imputat jghid li hekk irid missierek? Minhabba li kien qieghed jirrekordja l-video, l-imputat mar fuqhu u tajjar il-mobile li kellu f'idejh.

**Joseph Zerafa** qal li waqt li kien qieghed jitkellem mat-tifel tieghu vicin ir-residenza tieghu gewwa Marsaxlokk, it-tifel tieghu Matthew Zerafa qallu li qieghed jara li qieghed isir xi xoghol fejn hemm xi garaxijiet taghhom. Meta huwa nizel isfel ra t-tifel tieghu jargumenta man-neputi tieghu u cioe' ma' Daniel Zerafa. Meta resaq lejn Daniel Zerafa, dan tal-ahhar tefa' sidru ma' wiccu u rasu fuq rasi. Minhabba li Daniel ma rietx jersaq lura, hu resaq zewg passi lura, u fil-mument hass daqqa minn wara b'xi oggett iebes u jara d-demm. Fil-mument jara lil huh Carmelo Zerafa se jkompli jaghtih. It-tifel tieghu prova jzomm lill-imputat biex ma jkompliex jaghti lill-missieru tant li ta daqqa ta' minkeb lit-tifel tieghu u spicca kemm Daniel jaghti lit-tifel tieghu. L-imputat instema jghid 'ghax hekk haqqu'. Mal-mument waslu l-pulizija kif ukoll ambulanza halli tikkurah minhabba l-griehi li garrab. Huwa kkonferma li d-daqqa giet minghand huh u l-kaz gara fil-5 ta' Novembru 2016. It-tifel tieghu ftit wara dak li gara beda jiehu filmat u f'hin u moment gie l-imputat u tajjar il-mobile li kellu f'idejh it-tifel tieghu. Huwa kkonferma r-ritratti li gew esebieti a fol 60 sa fol 65 fejn juru l-feriti li kellu.

**Keith Cutajar** analizza filmati li gew esebieti fejn juru filamti mehuda minn CCTV kif ukoll minn filmati mehud permezz ta' mobile. Huwa analizza il-fimati u kkonkluda li ma kienx hemm tempering. Huwa esebixxa rapport KC1.

**Dr Mario Scerri** esebixxa rapport fejn ikkonkluda li hija rizultat ta' blunt trauma u li hija wahda permanenti u tidher f'distanza qasira.

**PC 1265 David Camilleri** fejn ikkonferma li huwa kien mar flimkien mal-kollega tieghu minhabba li kien dahal rapport li kien hemm glieda gewwa Triq Manescalco f'Marsaxlokk. Meta waslu fuq il-post raw persuna li kellu d-demm fuq rasu u kif setaw taw l-ewwel ghajnuna.

**L-Ispettur Roderick Attard** esebixxa certifikat tat-twelid tal-parti leza u gie immarkata bhala dok JZ1.

**PC 1536 Mark Swain** qal li kien gie infurmat mill-Control Room tal-Pulizija li kien hemm glieda gewwa l-lokalita' ta' Marsaxlokk. Ittiehdu l-verzjonijiet ta' dawk il-persuni li kienu fuq il-post u gie arrestat Carmel Zerafa in konnessjoni ma' dan il-kaz. Il-parte civile kellu xi demm fuq il-flok liema flokk ittiehed mill-Pulizija.

**PC 1245 Cecil St. John** qal li meta kien xoghol f'Novembru 2016 ircieva rapport li kien hemm glieda gewwa Marsaxlokk. Meta wasal fuq il-post innota persuna li kellu wiccu bid-demm li kien fil-fatt Joseph Zerafa. Dak il-hin din il-persuna qaltilhom li kein sawtu huh. Minn tfittxija li ghamlu l-pulizija sabiex isibu din il-hadida li ntuzat ma kenitx instabet mill-pulizija u Carmel Zerafa gie arrestat.

**PC 40 Raymond Savona** qal li kien irceva telefonata mill-control room minhabba li kien hemm argument gewwa triq Maniscalco f'Marsaxlokk. Huwa flimkien ma' kollegi tieghu marru fuq il-post u lemhu persuna li kellu d-dmija fuqhu li kien jismu Carmel Zerafa. Huwa kien ordnat sabiex imorru jgiebu xi pinnolli u jiehdu l-persuna gewwa l-lock up.

**Doris Vella Cassia** esebiet kopja tal-file mediku ta' Joseph Zerafa.

**PC 868 Russell Psaila** xehed u kkonferma id-dokument RA1 u RA2.

**Dr Jennifer Sultana** ikkonfermat dok JS1 fejn kienet kitbet li l-imputat seta jinzamm gewwa l-lock up u anki rat li kellu qasma ta' nofs centimetru fin-naha ta' gewwa tax-xoffa ta' fuq.

**L-ispettur Roderick Attard** esebixxa nota mahruga minn Dr Jennifer Sultana.

**Daniel Zerafa** qal li huwa jigi t-tifel tal-imputat qal li missieru kien qallu li kienu gejjin xi haddiema sabiex titwahhal Sistema ta' CCTV. Waqt li huwa kien mal-haddiema fil-garage, gie fuqhom Matthew Zerafa u beda jghid li l-haddiema ma jistghu jaghmlu xejn. Hin minnhom gie Joseph Zerafa u beda jghajjat u li sejjer ikisser kollox. Huwa qal lill-haddiema biex jiehdunl-ghodda u jitilqu minn hemm u wara dahal fil-garage tieghu u minn hemm cempel lill-missieru biex jghidlu x'gara. Hin minnhom imbuttah Joseph Zerafa kif ukoll Matthew Zerafa li spiccaw b'hafna ghajjat, hatfuh minn ghonqu u tawh

daqqa ta' harta. Ghalkemm prova jghidilhom biex ikellmu lill missieru dawn xorta baqghu ghaddejjien. Hin minnhom gie missieru u kif ra t-tnejn fuqhi dahal bejniethom. Dak il-hin bdew ixerju bl-idejn lil xulxin u hafna ghajjat. Hin minnhom Matthew Zerafa qabez fuq dahar missieru u waqghu mal-art u kif ra hekk gabar lill-missieru minn mal-art u ra li kellu d-demm ma' wiccu. Kif ra hekk qal lill-missieru sabiex imorru l-ghassa u kif kien se jsuq jigu l-pulizija u jiehdulu c-cwievet tal-vettura. Kif gabar lil Joseph Zerafa innota li kellu wiccu bid-demm kif ukoll anki missieru.

**Carmelo Zerafa** l-imputat xehed li kien ċempillu t-tifel tieghu Daniel Zerafa u sema hafna ghajjat fuq il-mobile. Ghalkemm beda jghajjtlu ma bediex jisimighu. Meta hares barra beda jisma hafna ghajjat gej minn gewwa l-garage. Minhabba li kien qal lit-tifelk tieghu li kienu gejjin xi haddiema iwahhlu CCTV, nizel jara x'gara u ra lil Joseph Zerafa li jigi huh. Huwa ra kemm lil Joseph Zerafa u lil Matthew Zerafa jaggredixxu lit-tifel tieghu Daniel fizikament. Kif ra hekk mar fuqhom it-tnejn biex jigbidhom minn fuq it-tifel tieghu. F'hin minnhom Matthew Zerafa tela fuq dahru u waqqghu mal-art u nstabtu. Minhabba f'hekk kellu xi demm ma' xuftejh u xi hin wara gew il-pulizija. Kif qam ma nnuta xejn fuq Joseph Zerafa u wara gie arrestat. In kontro-ezami innega li huwa ghamel xi feriti fuq il-persuna ta' huh.

**Eman Agius** qal li x-xoghol tieghu huwa bhala installer fejn fil-fatt kien gie mqababd sabiex iwahhal CCTV gewwa Marsaxlokk. Huma kienu qeghdin iwahhlu CCTV u kienu barra u f'xi hin sema' hafna ghajjat u kkonferma li gie anki z-ziju ta' Daniel Zerafa u anki kien hemm kuginuh. Huwa flimkien mal-kollega tieghu ma kien ra xejn gahx kif semghu l-ghajjat qabdu l-ghodda u telqu.

**Alistair Abela** kein qieghed mal-kollega tieghu Eman Agius iwahhlu CCTV gewwa Marsaxlokk u f'hin minnhom semghu hafna ghajjat. L-ghajjat beda bejn Daniel u l-kugin tieghu u xi hin wara gie anki z-ziju ta' Daniel fuq il-post. Huwa ma kien ra xejn x'kien agar u jiftakarx li wara gie missier Daniel. Huwa kkonferma li meta kien gie missier Daniel fuq il-post ma kellu xejn f'idejh.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota tar-Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikolu 214, 215 u 216 (1)(a), 216 (1)(b), 216 (1)(c), 216 (1)(d), 217, 218(1)(a)(b), 218(2), 222A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 338(dd) tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, u 533 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li fil-verbal tal-25 ta' Jannar 2023, il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wieġeb li huwa m'għandhux oġġezzjoni li l-każ tieghu jinstema' bi proċedura sommarja u deċiż minn din il-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti tal-kaz kienu li Daniel Zerafa kien qieghed fil-garage ta' missieru flimkien ma' zewg haddiema iwahhalu sistema ta' CCTV. F'hin minnhom nizel Matthew Zerafa minhabba li hemm kwistjonijiet civili ghaddejjin fuq propjetajiet. Illi inqala argument bejn Daniel u Matthew Zerafa fejn xi hin minnhom nizel il-*parte civile* sabiex jara x'kien qieghed jigri. Fil-hin u l-mument kien hemm z-zewg haddiema li kienu qeghdin jahdmu fuq il-post u semghu hafna ghajjat gej kemm qabel ma nizel l-istess Joseph Zerafa u anki meta nizel hu. Illi minhabba dak li kien qieghed jigri, il-haddiema qabdu l-ghodda u telqu minn fuq il-post imma ma kienu raw xejn x'gara hlief ghall-ghajjat li kien hemm dak il-hin. Waqt l-argumenti li kienu ghaddejjien u hawn hemm zewg verzjonijiet li nghataw f'dawn il-proceduri. Illi skont Joseph Zerafa waqt li kien hemm l-argumenti ghaddejjien, l-imputat Carmelo Zerafa qabad hadida u tah daqqa biha u spicca b'ferita fuq rashu. Din il-verzjoni giet konfermat wkoll mill-istess Matthew Zerafa. Illi minn naha l-ohra l-Daniel Zerafa ta verzjoni totalment differenti ta' x'gara dak il-hin. Illi meta nizel missieru fuq il-post, kemm Joseph Zerafa u Matthew Zerafa kienu qeghdin jaggreduh u gie missieru biex iferraqhom. Kien dak il-mument li Matthew Zerafa qabez fuq dahar missieru u waqqghu

mal-art u anki Joseph Zerafa nizel fl-art. Illi kif raw hekk hargu 'l barra minn gewwa u marru fit-triq fejn komplew jargumentaw sakemm gew il-pulizija fuq il-post. Minn naha tal-imputat li ghazel li jixhed, qal li kien waqa fl-art meta Matthew Zerafa tela fuq dahru u anki kellu xi demm ma xufftejh.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal għal konklużjoni li kien l-imputat jew le taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tifli wkoll provi ohrajn sabiex tkun tista' tasal ghal konklużjoni. Illi tajjeb li ssir analizi ta xi gurisprudenza f'pajjizna li dahlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci. Kif gie deciz

fl-ismijiet r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet issegwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet Pulizija vs Paul Grech deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

> *'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz Pulizija vs James Abela deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

> *'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu*

> *inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Harsa wkoll dak li jghid il-gurista Ingliz, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha qal hekk:

> *'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of... (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

***L-Ewwel Imputazzjoni*** *- l-artikolu 214, 215 u 216 (1)(a), 216 (1)(b), 216 (1)(c), 216 (1)(d), 217, 218(1)(a)(b), 218(2), 222A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Illi dan il-każ huwa mibni kollu kemm hu fuq dak li qal kemm il-*parte ċivile* kif ukoll it-tifel tiegħu Matthew Zerafa. Illi f'dan il-kaz hemm ċirkostanzi differenti minn dak li qal kemm il-*parte civile* ibnu. Illi min-naħa tal-imputat li għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri, qal li huwa kien mar iferraq lil ħuh Joseph Zerafa u lill-Matthew Zerafa minħabba li dak il-hin kienu qeghdin jaggredixxu lil Daniel Zerafa li jiġi t-tifel tal-imputat. Illi fil-verżjoni tiegħu, semma li f'xi hin l-istess Matthew Zerafa tela fuq dahru u spiċċaw mal-art fejn huh seta' habat rasu mal-art. Illi min-naħa tal-*parte civile* semma li l-ferita li kellu kienet riżultat ta' daqqa ta' ħadida fuq rasu u dan anki l-istess Matthew Zerafa ikkonferma li hekk ġiet ikkaġunata din il-ferita. Illi għandu jingħad li ħadd mix-xhieda ma semma li kienet instabet din il-ħadida. Illi ebda xhud ma indika li kienet fil-pussess tal-imputat wara li kien sehhet il-ġlieda. Illi għalkemm l-imputat deher ukoll li kellu xi dmija fuqhu, il-flokk li kien libes ma ġiex esebiet mill-Pulizija. Illi ma kien hemm ebda filmat li juri eżattament x'seta' gara dak il-ħin tal-ġlieda u għalhekk il-Qorti trid tifli kemm dak li qal l-istess *parte civile* u anki l-imputat kif ukoll xhieda oħrajn li kienu preżenti. Li huwa żgur, gie konfermat li kien hemm kommossjoni qabel ma' Joseph Zerafa weġġa u dan kif xehdu kemm Eman Agius u Alistair Abela. Illi sa hawn kien hemm qbil bejn il-partijiet li kien hemm għajjat minħabba argumenti li nqalgħu. Illi però ma hemm ebda indikazzjoni ċara ta' x'seta' gara dak il-ħin tal-ġlieda. Illi għalkemm huwa ben ċar, li d-daqqa li kellu Joseph Zerafa tidher li huwa waħda gravi tant li baqgħet tidher anki fiċ-ċirkostanzi ta' distanza

qasira u dan skont xehed l-istess Dr Mario Scerri. Illi però, min-naħa tal-espert ikkonkluda li d-daqqa ġiet magħmula minn xi haġa '*blunt*'. Illi ma kien hemm ebda indikazzjoni li jindika li din kienet kaġun ta' xi oġġett iebes u cioè bħala ħadida u lanqas ma ġie eskluż li setgħet ġiet ikkaġunata minn waqa' fejn seta' ħabat rashu mal-art il-*parte civile* skont il-verżjoni li ta l-imputat fix-xhieda tiegħu.

Illi però din il-Qorti rat li għalkemm l-unika persuna li ta' xi ħjiel fuq dak li seta' gara kien Matthew Zerafa, il-Qorti hija konvinta li d-daqqa kif inhi kaġunata fuq mohh Joseph Zerafa hija possibbli li ġiet maghmula minn daqqa ta' hadida. Illi ghalhekk ghalkemm kif ingħad hawn fuq jibqa' l-fatt li l-imputat qal li kien waqa' mal-art fejn huh kien ukoll spiċċa mal-art, din il-Qorti tara li din il-verzjoni mhux wahda plawsibbli fic-cirkostanzi tal-kaz. Dan meta kien hemm ghaddejjien argumenti shan tant fejn komplew fit-triq. Illi ghalhekk din il-Qorti tara li l-unika verzjoni tal-fatti x'gara dakinhar kien li Daniel Zerafa kif qieghed fejn ghandhom il-garaxijiet u fil-frattemp nieżel kuginuh Matthew Zerafa u il-prezenza ta' Joseph Zerafa eskalat it-tensjoni li kien hemm. Illi kien f'dan il-hin li gie l-imputat li qabad oġġett iebes u xejjer daqqa lejn Joseph Zerafa fejn ikkagunalu l-ferita f'mohhu. Illi wkoll dan l-oggett iebes ma ġiex misjub mill-pulizija iżda lanqas ma kien hemm xi indikazzjoni li ghamlu xi tfittxija ghal dan l-oggett iebes li ntuża sabiex ikkaġuna l-ferita fuq mohh Joseph Zerafa.

Illi ghalhekk ladarba din il-Qorti waslet ghal konklużjoni li kien l-imputat li kkaġuna l-ferita li kellu Joseph Zerafa, issa din il-Qorti trid ukoll tifli jekk ghal dan il-kaz l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali japplikawx jew le f'dan il-kaz. Illi fin-nota tar-Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub fl-artikolu 214, 215 u 216 (1)(a), 216 (1)(b), 216 (1)(c), 216 (1)(d), 217, 218(1)(a)(b), 218(2), 222A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din il-Qorti trid tara jekk f'dawn iċ-ċirkostanzi tal-każ il-ferita li għandu Joseph Zerafa hiex waħda li taqa' taht l-artikolu 216 jew 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikoli tal-Ligi li jitkellmu dwar feriti gravi huma senjatament l-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponu s-segwenti:-

L-artikolu 216 tal-Kap. 9:-

*(1) "L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin –*

*(a) jekk tista' ġġib periklu -*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

Filwaqt li l-Artikolu 218 tal-Kap. 9 jipprovdi s-segwenti:-

*(1) "L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Illi minn dak li qal it-tabib Mario Scerri li ezamina lil Joseph Zerafa, ikkonkluda li huwa kien qala daqqa fuq in-naha tax-xellug tal-mohh u rizultat ta' dan kellu cikatrici li hija rizultat ta' lacerazjzoni rizultat ta' blunt trauma. Kompla jghid li din ic-cikatrici tidher sewwa from within talking distance u tibqa bhala marka permanenti u sfigurat fil-wicc (a fol 92). Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-ferita li sofra Joseph Zerfa hija wahda gravi u kellu cikatrici permanenti fuq wiccu. Illi ghalhekk din il-Qorti tara li din il-ferita ghalkemm hija gravi gabet ukoll sfregju gravi fil-wicc ta' Joseph Zerafa. Illi f'dan il-kaz hija aktar cara li t-tip ta' sfregju huwa dak li hemm taht l-artikolu 218 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk din il-Qorti wara li semghet kemm dak li qal l-imputat u d-diversi xhieda dwar id-dinamika tal-glieda, kien l-imputat responsabbli ghal din id-daqqa fuq ras Joseph Zerafa bil-konsegwenzi li gabet maghha u ghalhekk issibu hati lill-imputat talli kkaguna giehi gravi fuq il-persuna ta' Joseph Zerafa.

**L-Imputazzjonijiet Kontravenzjonali - It-Tieni, it-Tielet u r-Raba imputazzjoni – l-Fl-Artikoli 339(1)(d), l-Artikoli 338(dd) u l-Artikoli 339(1)(e) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi dawn l-imputazzjonijiet huma kollha ta' natura kontravenzjonali u ghalhekk il-Qorti sejra tara jekk f'dan il-kaz humiex preskrittiv. Illi l-imputat gie akkuzat talli ikommetta reat fil-5 ta' Novembru 2016. Illi mid-dokumentazzjoni li ghandha din il-Qorti skont a fol 1, id-dokumeti jidhru li gew prezentati fit-2 ta' Marzu 2017. Illi kien dakinhar li l-Magistrat li kellu jisma l-kawza gie mahtur sabiex jisma l-kumpilazzjoni. Illi jidher ukoll li l-ewwel seduta kienet fil-11 ta' Lulju 2017. Kien biss fis-sena 2019 u cioe' fit-28 ta' Marzu 2019 li nqraw l-akkuzi ghalkemm jidher bic-car li l-imputat kien notifikat minn qabel din is-seduta. Illi ghandu jinghad li din il-Qorti ghandha tara jekk fil-fatt kif gew redati l-akkuzi fil-konfront tal-imputat Carmelo Zerafa humiex preskritti jew le u dan qieghed jinghad ai termini tal-artikolu 694 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> "Il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti *ex officio*, u l-imputat jew akkużat ma jistax jirrinunzja għaliha."

l-Qorti sejra issa taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef Vincent Degaetano) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v Joseph Borg" deciza fl-10 ta' Mejju, 2000:

> "5. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, sedenti l-kompjant Imhallef Fortunato Mizzi, fis-Sentenza ta' l-4 ta' Novembru, 1976 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Grazio Zerafa***, iz-zieda fil-piena stabbilita bl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe' sabiex jigi determinat taht liema wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-Artikolu 688 ghandu jigi kunsidrat id-delitt in kwistjoni. In fatti l-Artikolu 689 jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skuzi jew cirkostanzi attenwanti u (b) zieda fil-piena minhabba r-recidiva. Iz-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhix imsemmija f'dana l-Artikolu 689. Fil-ligi taghna ir-reat kontinwat, li kien gie mudellat fuq l-Artikolu 79 tal-*Codice Zanardelli*, u meqjus bhala forma *sui generis* ta' konkors ta' reati, bil-partikolarita' li d-diversi reati jitqiesu bhala reat wiehed."

Din il-Qorti taqbel ma' dak ritenut u hawn fuq citat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Borg". Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 689 tal-Kap. 9 li jghid:

> "Ghall-effetti tal-preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun oridinarjament suggett, apparti kull skuza jew cirkostanza ohra partikolari li, minhabba fiha, skond il-ligi, r-reat ikun suggett ghal piena izghar; lanqas ma ghandhu jittiehed qies taz-zieda fil-piena minhabba recidiva."

Dan l-artikolu, kif gustament qalet il-Qorti fis-Sentenza hawn fuq riferita "Il-Pulizija vs Joseph Borg", jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni. Jirrizulta illi z-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhix qeda inkluza fl-imsemmi artikolu 689. Kieku l-legislatur ried jinkludi l-kontinwat f'dan l-artikolu bhala haga li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni kien jinkludi l-kontinwat f'dan l-artikolu – *Ubi voluit dixit*.

Hawn il-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mill-*Codice Penale Annotato con la Giurisprudenza* (S.Beltrani, E. Caringella u R. Marino - 1994 - Edizioni Simone, p. 608):

> "Nel reato continuato l'unitario disegno criminoso solo apparentemente si fraziona nei singoli episodi, ma resta sostanzialment unico: i singoli spezzoni di esso si saldano pertanto l'uno con l'altro costituendo tappe intermedie di un unico *iter* criminoso che si conclude con la consumazione dell' ultimo episodio criminoso ne deriva che *il termine prescrizionale comincia a decorrere solo dal momento in cui tutto il complessivo iter criminoso sia stato portato a compimento.*- Sez.3 sent. 06155 del 27-4-90 (ud. 13-3-90) rv.184158."

Issa skont l-artikolu 691 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-preskrizzjoni tibda tgħaddi mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-Liġi. Issa jekk wiehed jara l-akkuza d-data tar-reat sehh f'Novembru 2016 u d-dokumenti gew prezentati l-Qorti f'Marzu 2017. Dan ifisser li skont l-artikolu 688 tal-Kap 9 l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:

> (*f*) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni talkontravvenzjonijiet.

L-atti allegatament saru kif inghad hawn fuq f'Novembru 2016 u d-dokumenti gew opprezentati fil-Qorti kien biss f'Marzu 2017 u ghalhekk oltre minn tlett xhur wara li sehh il-kaz. Minħabba li kienu għaddew aktar minn tlett xhur minn meta saru l-atti u meta l-imputat tressaq il-Qorti, allura dawn huma kollha preskritti.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmelo Zerafa u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215 u 216 (1)(a), 216 (1)(b), 216 (1)(c), 216 (1)(d), 217, 218(1)(a)(b), 218(2), 222A, 338(dd), 339(1)(d), 339(1)(e), 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib hati lill-imputat ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u tilliberah mit-tieni (2), mit-tielet (3) u mir-raba (4) stante li preskritti u tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.**

**Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-ħati u x'jiġri jekk jikkometti reat ieħor fil-perjodu operattiv tagħha.**

**Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta timponi ordni ta' trażżin fil-konfront ta' l-imputat Carmelo Zerafa fejn huwa prekluż milli jkellem jew javviċina lil Joseph Zerafa għal-perjodu ta' sentejn mil-lum.**

**Inoltre l-Qorti tordna lill-ħati Carmelo Zerafa jħallas l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' esperti, lir-Reġistratur tal-Qorti, l-ammont ta' tmien mija u tmienja u tletin Ewro u erba' ċenteżmi (€838.04).**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**